


Konferenza organizzata bejn tmien pajjiżi dwar l-Edukazzjoni fil-Ħabs iddiskutiet il-ħtiġijiet tal-ħabsin nisa u kif dawn għandhom ikunu mgħejjuna fl-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà. Diġa hawn database ta' min iħaddem li lesti jimpjegaw nisa la joħorġu mill-ħabs. Madankollu professjonisti u esperti jemmnu li hemm bżonn jissaħħu l-opportunitajiet biex ir-rijabilitazzjoni tagħhom fis-soċjetà sseħħ tassew.

Hemm komunità mdaqqsa ta' nisa ħabsin li malli jiskontaw is-sentenzi, ftit li xejn isibu opportunitajiet biex iwettqu bil-fatti ir-rijabilitazzjoni u ma isirux reċedivi. Waqt konferenza bit-tema Finding Education for Female Inmates, il-kap tad-dipartiment tal-Kriminoloġija fl-Università, Dr Jacqueline Azzopardi. qalet li l-isfidi li jiffaċċjaw l-ħabsin huma fuq żewġ livelli.

Qalet li f'għadd ta' każi, il-ħiliet u l-abbiltajiet tagħhom ikunu limitati u li dan qed ikun indirizzat b'korsijiet f'għadd ta' oqsma fil-faċilità korretiva ta' Kordin. Dr Azzopardi qalet li hemm tliet priġunieri nisa li qegħdin isegwu korsijiet li uħud minnhom saħansitra se jwassalhom għal livell ta' Diploma.

"Eżatt kif jidħlu l-ħabs għandha ssir dik li tissejjaħ, sentancing plan... mhux in-nisa biss imma anki l-irġiel għax inti hekk inti ma tafx fejn trid tasal, kif se tasal?" qalet il-Kap tad-Dipartiment tal-Kriminoloġija fl-Università Jacqueline Azzopardi.

Dr Azzopardi qalet li l-ħabsin jiffaċċjaw barriera oħra minħabba l-kondotta li qalet tagħmilha kważi impossibli biex jiġu impjegati. Hija qalet madankollu li din l-mentalità, gradwalment qed tinbidel.

"Sakemm jirnexxielna nikkumbattu u s-soċjeta tifhem li iva żbalja u ma nistgħux ninsew il-vittma u kemm weġġgħat il-vittma però ma nistgħux persuna ma nippruvawx nagħtuha ċans ieħor, ma nippruvawx nintegrawha, għaliex at the end of the day hija s-soċjetà li se terġa' tbati," spjegat Dr Azzopardi.

Il-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, Carmelo Abela, qal Il-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela qal li f'Ottubru fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, se jiġu offruti 35 opportunità ta' tagħlim kemm formali kif ukoll informali għar-residenti.

Żied li l-progess fis-servizzi edukattivi fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin kienet riflessa fil-livelli ta' attendenza tal-ħabsin. Il-Ministru Abela qal li terz tal-popolazzjoni tal-ħabsin li minnhom sebgħa fil-mija huma nisa attendew għal xi wieħed mil-korsijiet. Hu qal li fil-qasam tal-edukazzjoni formali, l-faċilita korrettiva ta' Kordin saħħet il-kollaborazzjoni ma' faċilitajiet edukattivi fosthom l-MCAST, l-Universita' u l-ITS.